Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 29 ta' Settembru 2022
(OR. en)

12803/22

**Fajls Interistituzzjonali:**
**2022/0141(NLE)**
**2022/0142(NLE)**

AGRI 473
RELEX 1244
FORETS 87
DEVGEN 178
ENV 916
PROBA 44

**NOTA PUNT "I/A"**

| | |
|---|---|
| minn: | Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill |
| lil: | Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill |
| Suġġett: | DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni, tal-Ftehim ta' Sħubija Volontarju bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika Kooperattiva tal-Guyana dwar l-infurzar tal-liġi, it-tmexxija u l-kummerċ fis-settur forestali<br>*- Adozzjoni*<br>DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-konklużjoni tal-Ftehim ta' Sħubija Volontarju bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika Kooperattiva tal-Guyana dwar l-infurzar tal-liġi, it-tmexxija u l-kummerċ fis-settur forestali<br>*- Qbil fil-prinċipju*<br>*- Talba għall-approvazzjoni tal-Parlament Ewropew* |

1. Fl-10 ta' Mejju 2022, il-Kummissjoni ppreżentat il-proposti tagħha lill-Kunsill għad-Deċiżjoni tal-Kunsill imsemmija hawn fuq[1].
2. Fit-2 ta' Ġunju 2022, il-Grupp ta' Ħidma dwar il-Forestrija laħaq qbil dwar iż-żewġ proposti.

[1] 8982/22 + ADD1 u 8985/22 + ADD1.

3. Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-Kumitat tar-Rappreżentant Permanenti huwa mistieden jikkonferma l-qbil li ntlaħaq fil-livell ta' Grupp ta' Ħidma u jistieden lill-Kunsill biex f'waħda mis-sessjonijiet tiegħu li jmiss:

- jadotta d-Deċiżjoni dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni, tal-Ftehim ta' Sħubija Volontarju bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika Kooperattiva tal-Guyana dwar l-infurzar tal-liġi, it-tmexxija u l-kummerċ fis-settur forestali, kif iffinalizzat mill-ġuristi lingwisti u stabbilit fid-dokument 9086/22. Il-Parlament Ewropew ser jiġi informat f'konformità mal-Artikolu 218(10) TFUE;
- li fil-prinċipju jaqblu dwar l-abbozz ta' Deċiżjoni dwar il-konklużjoni tal-Ftehim ta' Sħubija Volontarja bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika Kooperattiva tal-Guyana dwar l-infurzar tal-liġi u t-tmexxija fis-settur forestali u l-kummerċ, kif iffinalizzat mill-ġuristi lingwisti u kif jidher fid-dokument 9272/22, kif ukoll it-test tal-Ftehim Volontarju ta' Sħubija, kif iffinalizzat mill-ġuristi lingwisti u kif jidher fid-dokument 9271/22;
- jiddeċiedi li jibgħat lill-Parlament Ewropew, għall-approvazzjoni tiegħu, id-dokumenti 9272/22 u 9271/22, kif imsemmija hawn fuq.